MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 287/2011

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Jolly Idada iben Idada, imwieled in-Nigeria fil-5 ta' Settembru, 1985, Karta ta' l-Identita numru 08BBBB-110

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-sena 2010 u fix-xhur ta' qabel u wara, f'dawn il-Gżejjer, f'Malta, imbarka minn Malta mingħajr ma kellu passaport u mingħajr ma ta lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u meħtieġ.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------